**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 88/09VG**

**Anthony Sammut Alessi u l-atti tal-proċeduri ġew trasfużi f'isem Mary Carmen Sammut Alessi b'Digriet tad-19 ta' Awwissu 2021 stante l-mewt ta' Anthony Sammut Alessi**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 15 ta' Marzu 2022**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn Anthony Sammut Alessi, illum mejjet u l-atti ġew trasfużi f'isem Mary Carmen Sammut Alessi, quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali fid-9 ta' Ottubru 2007, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob it-tħassir u r-revoka tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni relattivament għall-akkwist ta' proprjetà, ossia flat u garage space, ġewwa Nru. 166/167, Tower Road, Sliema, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò datat 21 ta' Diċembru 1999, u dana billi l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment huwa ġust u rejali, **u** l-konsegwenti dikjarazzjoni li ebda taxxa ma hija minnu dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni ma' l-akkwist ta' l-imsemmija proprjetà;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi kkonfermata stante li: (i) l-appell odjern huwa rritu u null peress li ġie magħmul wara t-terminu stabbilit fl-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu n-Notice of Refusal ġiet notifikata skond il-Liġi bil-posta reġistrata fis-17 ta' Frar 2006 u l-appell ġie ntavolat fid-9 ta' Ottubru 2007; u (ii) fil-mertu u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, id-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 30 ta' Jannar 2006 hija ġusta u timmerita konferma;

Ra d-Deiċiżjoni ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 30 ta' Jannar 2006 a fol. 2 sa' 4 tal-proċess;

Ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota ippreżentata fil-25 ta' Frar 2011 a fol. 10 sa' 19 tal-proċess u d-dokumenti markati Dok. "DGTI" esebiti mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota ippreżentata fil-11 ta' April 2013 a fol. 49 u 50 tal-proċess, sema' x-xhieda tar-Rikorrent[1] u x-xhieda ta' Ivan Portelli[2], in rappreżentanza tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2013 u ra d-dokumenti esebiti minn Ivan Portelli markati Dok. "IP1" u Dok. "IP2" a fol. 52 sa' 54 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Emereziana Agius, in rappreżentanza ta' l-Uffiċċju Elettorali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2013[3] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "EA1" sa' Dok. "EA3" a fol. 66 sa' 78 tal-proċess, sema' ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Rachel Grech, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2019[4] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RG1" sa' Dok. "RG7" a fol. 115 sa' 122 tal-proċess, sema' x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Marzu 2019[5], tat-28 ta' Jannar 2020[6] u tad-9 ta' Novembru 2020[7] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "CC" a fol. 128 tal-proċess, ra d-dokumenti markati Dok. "TSM1" sa' Dok. "TSM3" esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota ppreżentata fil-15 ta' Ottubru 2019 a fol. 139 sa' 161 tal-proċess;

Ra s-sentenza preliminari pronunċjata fil-25 ta' Ottubru 2018[8] permezz ta' liema ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar it-tardività ta' l-appell;

Ra n-Nota tar-Rikorrent ippreżentata fit-3 ta' Frar 2021[9] permezz ta' liema ddikjara li l-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri inbiegħet u għaldaqstant ma għandux aċċess għaliha u lanqas ma għandu tagħrif dwar jekk sarux benefikati, żviluppi jew miljoramenti fl-imsemmija proprjetà;

Ra d-Digriet datat 19 ta' Awwissu 2021[10] permezz ta' liema ġiet ordnata t-trasfużjoni ta' l-atti tal-proċeduri f'isem Mary Carmen Sammut Alessi stante l-mewt tar-Rikorrent Anthony Sammut Alessi fil-mori tal-proċeduri;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-Difensur tar-Rikorrenti u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 199 sa' 202 tal-proċess;

Sema' t-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

[1] Fol. 55 sa' 58 tal-proċess.
[2] Fol. 59 sa' 61 tal-proċess.
[3] Fol. 79 u 80 tal-proċess.
[4] Fol. 123 u 124 tal-proċess.
[5] Fol. 129 sa' 135 tal-proċess.
[6] Fol. 165 sa' 168 tal-proċess.
[7] Fol. 175 sa' 177 tal-proċess.
[8] Fol. 105 sa' 109 tal-proċess.
[9] Fol. 179 tal-proċess.
[10] Fol. 184 tal-proċess.

In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò datat 21 ta' Diċembru 1999[11], Anthony Sammut Alessi u martu Mary Carmen Sammut Alessi akkwistaw mingħand Denelir Properties Limited l-appartament *at fourth (4th) floor level,* internament numerat sitta (6) formanti parti mill-blokk ta' appartamenti f'Nru.166/167, Tower Road, Sliema, b'aċċess intern bla numru aċċessibbli minn Nru.58 u 58A, Triq Luigi Camilleri, Sliema, **u** l-garage space tal-kejl ta' cirka $14m^2$, sitwat f'*basement garage space complex* sottostanti l-blokk ta' appartamenti f'Nru.166/167, Tower Road, Sliema, u li għandu l-aċċess tiegħu minn Triq Luigi Camilleri, Sliema, verso l-prezz komplessiv ta' Lm120,000, illum ekwivalenti għal €279,524.81.

It-trasferiment in kwistjoni ġie notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni[12] illi inkariga lill-Perit Carmel Cacopardo sabiex jagħti stima tal-valur reali tal-proprjetà akkwistata minn Anthony Sammut Alessi u Mary Carmen Sammut Alessi fiż-żmien tat-trasferiment. In segiwtu għall-istima tal-Perit Cacopardo, li mill-provi prodotti irriżulta li kienet għall-valur ta' Lm180,000[13] għall-appartament u għall-valur ta' Lm5,000[14] għall-garage space, komplessivament ammontanti għal Lm185,000[15], fis-16 ta' Awwissu 2000 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ħareġ Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797[16] fil-konfront ta' Anthony Sammut Alessi permezz ta' liema talbu jħallas is-somma ta' Lm3,250[17] rappreżentanti taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' Lm6,500[18], flimkien mas-somma ta' Lm6,500[19] rappreżentanti taxxa addizzjonali/penali, komplessivament ammontanti għal Lm9,750, illum ekwivalenti għal **€22,711.39**.

Anthony Sammut Alessi oġġezzjona għall-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu permezz ta' ittra bla data iżda li jirriżulta li waslet għand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Capital Transfer Duty Branch, fil-5 ta' Frar 2001, u dana a bażi tal-premessa li *the price stipulated on the public deed in question was just and real*[20]. Jidher li Anthony Sammut Alessi baqa' jiġi interpellat għall-ħlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni stante li permezz ta' ittra datata 22 ta' Frar 2001[21], l-istess Kummissarju ġie infurmat illi *we refer to the notice for payment dated 1 February 2001 served on the above-mentioned individual. We cannot understand why this notice for payment is being sent to the above-mentioned individual considering that there is an objection pending on the best of judgement assessment made on the property, lodged by Not. Attard, Burlò and Fleri Soler. In the circumstances, we kindly request that you cancel the said notice for payment accordingly.*

Mill-minuta Nru. 20 fil-file tad-Dipartiment[22] jirriżulta li l-istima tal-Perit Cacopardo ma kenitx waħda *best of judgement* iżda kienet stima li saret wara li huwa żamm aċċess fi u spezzjona l-proprjetà trasferita. Konsegwentement l-imsemmi Perit ikkonferma l-

[11] Dok. "TSM1" a fol. 140 sa' 148 tal-proċess.
[12] Dok. "RG1" a fol. 115 u 116 tal-proċess.
[13] Illum ekwivalenti għal €419,287.21.
[14] Illum ekwivalenti għal €11,646.87.
[15] Illum ekwivalenti għal €430,934.08
[16] Dok. "RG2" a fol. 117 tal-proċess.
[17] Illum ekwivalenti għal €7,570.46.
[18] Illum ekwivalenti għal €15,140.93.
[19] Illum ekwivalenti għal €15,140.93.
[20] Dok. "RG3" a fol. 118 tal-proċess.
[21] Dok. "RG4" a fol. 119 tal-proċess.
[22] Dok. "RG5" a fol. 120 tal-proċess.

istima tiegħu. B'Deċiżjoni ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datata 30 ta' Jannar 2006[23], il-Kummissarju tat-Taxxi Interni irrifjuta l-oġġezzjoni ta' Anthony Sammut Alessi mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797 u minflok ikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa li reġgħet inħarġet fil-konfront ta' Sammut Alessi fis-7 ta' Frar 2006[24].

Anthony Sammut Alessi ħassu aggravat bid-Deċiżjoni ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u bil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797 maħruġa fil-konfront tiegħu u interpona appell minnhom quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali, bil-proċeduri jiġu in segwitu trasferiti quddiem dan it-Tribunal. Dan l-appell huwa mmirat għat-tħassir u revoka tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797 u dana billi l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment huwa ġust u rejali, **u** għall-konsegwenti dikjarazzjoni li ebda taxxa ma hija dovuta minn Sammut Alessi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni ma' l-akkwist ta' l-appartament u garage space f'Nru.166/167, Tower Road, Sliema, bis-saħħa tal-kuntratt ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò datat 21 ta' Diċembru 1999.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tiġi kkonfermata stante li: (i) l-appell odjern huwa rritu u null peress li ġie magħmul wara t-terminu stabbilit fl-Artikolu 58(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu n-Notice of Refusal ġiet notifikata skond il-Liġi bil-posta reġistrata fis-17 ta' Frar 2006 u l-appell ġie ntavolat fid-9 ta' Ottubru 2007; u (ii) fil-mertu u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, id-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 30 ta' Jannar 2006 hija ġusta u timmerita konferma.

L-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar it-tardività ta' l-appell ġiet miċħuda b'sentenza pronunċjata fil-25 ta' Ottubru 2018[25]. Konsegwentement għalhekk jifdal li l-appell in eżami jiġi deċiż fil-mertu.

Mix-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo u mid-dokument minnu esebit markat Dok. "CC" a fol. 128 tal-proċess, jirriżulta li fit-22 ta' Marzu 2000 huwa kien spezzjona l-appartament u l-garage space akkwistati minn Anthony u Mary Carmen Sammut Alessi f'Nru.166/167, Tower Road, Sliema, u li a bażi ta' dak li kkonstata kien ta stima ta' Lm180,000 għall-appartament - ibbażata tali stima fuq ir-rata ta' Lm500[26] għal kull metru kwadru - u stima ta' Lm5,000 għall-garage space - ibbażata tali stima fuq ir-rata ta' cirka Lm340[27] għal kull metru kwadru. Mistoqsi x'eżerċizzju għamel biex wasal għal dawn ir-rati, il-Perit Cacopardo wieġeb *l-eżerċizzju huwa wieħed kontinwu, f'dak iż-żmien tiċċekkja x'avviżi jkunu qegħdin isiru kemm fil-magazines kurrenti u kemm fil-gazzetti u ovvjament kien hemm żmien fejn kont qed naħdem fuq dik l-area allura tkun taf ukoll x'inhu qed jiġri.* Mistoqsi jekk dawn l-avviżi żammhomx, il-Perit wieġeb *le, il-gazzetti kurrenti. Kieku nżommhom kollha kieku għandi kamra sħiħa bihom id-dar.* Mistoqsi ulterjorment dwar dawn ir-rati l-Perit Cacopardo ddikjara li *ma hemm l-ebda rati stabbiliti mkien. Is-sengħa jew l-arti tal-valutazzjoni tal-proprjetà hija waħda*

---

[23] Fol. 17 sa' 19 tal-proċess.
[24] Fol. 16 tal-proċess.
[25] Fol. 105 sa' 109 tal-proċess.
[26] Illum ekwivalenti għal €1,164.69.
[27] Illum ekwivalenti għal €799.99.

*soġġettiva għal kollox u li allura huwa essenzjalment xogħlna li tanalizza x'inhu għaddej u tara x'inhu applikabbli għall-każ li jkollok quddiemek*[28].

Mistoqsi xi kriterji ħa in konsiderazzjoni biex wasal għall-istimi tiegħu ta' l-appartament u tal-garage space akkwistati minn Sammut Alessi, il-Perit Cacopardo iddikjara li *dħalt fil-post u kejjiltu, kważi kejjilt kamra kamra u ħadt nota ta' l-affarijiet relevanti biex inkun nista' nasal għall-valur fosthom li l-post kellu żewġ aċċessi, waħda minn Tower Road u l-oħra minn Triq Sir Luigi Camilleri*. Mistoqsi jekk xi ħadd ġibidlux l-attenzjoni għal xi kwistjonijiet partikolari, huwa wieġeb *għandi nota ta' kull m'għamilt jiġifieri kieku ġibidli l-attenzjoni għal xi ħaġa kont inżomm notament tagħha u kont nikteb li ġibidli l-attenzjoni għalhekk, mhux dejjem li jkunu affarijiet ta' relevanzi li jkolli nagħti kashom però f'dan il-każ partikolari d-dokument li għandi quddiemi, gja ppreżentajtu l-aħħar darba li xehedt*[29]*, u għandi l-kmamar u l-qisien tagħhom*. Bħala kriterji ulterjuri għall-fini ta' l-istimi tiegħu, il-Perit ikkonsidra wkoll *il-fatt li qiegħed Tower Road, il-fatt li kien finished, li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' ħsara, f'area li hija in demand, dakinhar u anke illum*[30]. In kontro-eżami l-Perit Cacopardo ddikjara wkoll li bejn l-1999 u l-2008 huwa kien il-Perit inkarigat mill-Gvern, ossia mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, sabiex jagħti stimi tal-valur reali ta' proprjetajiet trasferiti fiż-żmien tat-trasferiment fil-lokalità ta' Tas-Sliema.

Ir-Rikorrent irribatta għall-istima tal-Perit Cacopardo u għall-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni billi esebixxa żewġ kuntratti li bihom ġew trasferiti appartamenti u garage spaces fl-istess blokk ta' appartamenti fejn hemm il-prorpejtà mertu ta' dawn il-proċeduri. Dawn il-kuntratti huma:

- Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace datat 20 ta' Novembru 1998, esebit bħala Dok. "TSM2" a fol. 150 sa' 156 tal-proċess, bis-saħħa ta' liema is-soċjetà Denelir Properties Limited, l-istess soċjetà li ttrasferiet l-appartament u il-garage space lil Anthony u Mary Carmen Sammut Alessi, ittrasferiet a favur ta' Ray u Jodie Louise konjuġi Manara, appartament *on the sixth floor* u garage space formanti parti mill-blokk ta' appartamenti f'Nru.166/167, Tower Road, Sliema, b'entratura oħra minn Triq Sir Luigi Camilleri, Sliema, u dan verso l-prezz ta' Lm105,000[31];

- Kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat 27 ta' Jannar 1999, esebit bħala Dok. "TSM3" a fol. 157 sa' 163 tal-proċess, bis-saħħa ta' liema s-soċjetà Denelir Properties Limited ittrasferiet a favur Anthony George Borg l-appartament internament numerat tlieta *at first floor level* u garage space, formanti parti mill-blokk ta' appartamenti f'Nru.166/167, Tower Road, Sliema, b'entratura oħra minn Triq Sir Luigi Camilleri, Sliema, u dana verso l-prezz ta' Lm100,000[32].

Ir-Rikorrenti tikkontendi li minn dawn iż-żewġ kuntratti jirriżulta li l-prezz dikjarat ta' Lm120,000 għall-akkwist da parte tiegħu u ta' martu ta' l-appartament u l-garage space mertu ta' dawn il-proċeduri in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò datat 21 ta' Diċembru 1999, liema appartament u garage wkoll jinsabu fil-blokk Nru.166/167, Tower Road, Sliema u b'aċċess ieħor minn Triq Luigi Camilleri, Sliema,

---

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019, fol. 129 sa' 132 tal-proċess.
[29] Hawn il-Perit Cacopardo qed jagħmel referenza għad-dokument Dok. "CC" a fol. 128 tal-proċess.
[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2020, fol. 165 sa' 168 tal-proċess.
[31] Illum ekwivalenti għal €244,584.21
[32] Illum ekwivalenti għal €232,937.34.

jirrifletti l-valur ta' l-istess proprjetà fuq is-suq fiż-żmien tat-trasferiment u għalhekk il-valur dikjarat huwa ġust u reali. Jikkontendi ulterjorment illi minn dan jikkonsegwi li l-istima tal-Perit Carmel Cacopardo u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nur. IV39797 huma eċċessivi.

Il-Kummissarju tat-Taxxi da parte tiegħu però jikkontendi li dawn il-kuntratti ma jikkostitwixxux prova sodisfaċenti li l-istima tal-Perit Carmel Cacopardo u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797 huma eċċessivi. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[33] tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li *minn eżami akkurat tal-provi, ma kien hemm xejn minn naħa ta' l-appellant fejn ikkontesta ix-xhieda mogħtija mill-Perit bħala waħda mhux kredibbli. Illi l-kuntratti eżebit mill-appellant, ma jurux minnhom infushom prova li għaldaqstant il-valur raġġunt mill-Perit mhux ġust u veritier. Illi ma kien hemm ebda prova jekk dawn it-trasferimenti rċevewx kont rivedut tat-taxxa u jekk tħallsux jew le. Inoltre jiġi ribadit li prezz waħdu indikat fil-kuntratt ta' trasferiment ma jitqiesx bħala prova konklussiva tal-valur reali tal-fond trasferit. Di fatti l-kontestazzjoni quddiem dan l-Onorabbli Tribunal hija proprju kif l-appellant jiġġustifika bi provi illi effettivament il-prezz indikat fuq il-kuntratt ta' trasferiment verament jirrifletti l-prezz medju fis-suq fil-mument li sar it-trasferiment. Il-Kummissarju tat-Taxxi jirribadixxi li l-piż tal-prova tinkombi fuq l-appellant, mhux fuq mera assunzjoni jew preżentazzjoni ta' kuntratti bi prezz indikat fuqhom iżda bi provi konkreti li juru li dan l-Onorabbli Tribunal li il-prezz indikat fuq il-kuntratt ta' trasferiment għal proprjetajiet li ġew ittrasferiti jirrifletti fil-mument ta' trasferiment il-valur reali fis-suq. Din hija l-prova li kellhom iressqu l-appellanti. Il-valutazzjoni tal-Perit Carmel Cacopardo ma ġietx ikkontestata bħala valutazzjoni li saret fuq fatturi skorretti. Għaldaqstant wieħed għandu jifhem li l-eżerċizzju li sar mill-Kummissarju tat-Taxxi biex inħadmet il-likwidazzjoni kkontestata ma saritx b'mod skorrett b'tali mod li rrendiet il-likwidazzjoni eċċessiva.*

It-Tribunal ma jaqbilx ma' dak sottomess mill-Kummissarju tat-Taxxi u jqis li l-istess Kummissarju qed jagħmel interpretazzjoni għal kollox żbaljata tal-provvediment enunċjat fl-Artikolu 58(3) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta - *il-piż tal-prova illi l-likwidazzjoni li dwarha jsir l-ilment hija eċċessiva jkun ta' l-appellant.*

Għalkemm dak provdut fl-imsemmi artikolu tal-Liġi huwa ċar, bis-sottomissjonijiet avvanzati f'dawn il-proċeduri l-Kummissarju tat-Taxxi donnu jimplika li hi x'inhi l-prova li *taxpayer* iressaq kontra Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu, din qatt ma tista' tkun ta' valur probatorju tali li turi b'mod sodisfaċenti li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa kontestata hija eċċessiva u konsegwentement l-istess Kummissarju ma għandux għalfejn iressaq provi sodisfaċenti in sostenn ta' l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa.

Din il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi toħroġ ferm ċara mis-sottomissjoni tiegħu li *l-kuntratti eżebit mill-appellant, ma jurux minnhom infushom prova li għaldaqstant il-valur raġġunt mill-Perit mhux ġust u veritier. Illi ma kien hemm ebda prova jekk dawn it-trasferimenti rċevewx kont rivedut tat-taxxa u jekk tħallsux jew le. Inoltre jiġi ribadit li prezz waħdu indikat fil-kuntratt ta' trasferiment ma jitqiesx bħala prova konklussiva tal-valur reali tal-fond trasferit.*

Bid-dovut rispett lejn il-Kummissarju tat-Taxxi, una volta li r-Rikorrent esebixxa kuntratti li juru li appartamenti u garage spaces fl-istess blokk ta' appartamenti tal-

[33] Fol. 199 sa' 202 tal-proċess.

proprjetà in kwistjoni u fi żminijiet viċini għaż-żmien tat-trasferiment mertu ta' dawn il-proċeduri kienu, bħala valur dikjarat, fl-istess ilmijiet għall-valur tat-trasferiment mertu ta' dawn il-proċeduri, kien jispetta lilu u mhux lir-Rikorrent li jwaqqa' l-valur probatorju tagħhom. Kien jispetta lilu u mhux lir-Rikorrent li jipprova li dawk it-trasferiment kienu soġġetti għal kont rivedut għaliex il-valur dikjarat fihom ma kienx ġie meqjus bħala li jirrifletti l-valur reali fuq is-suq liberu fiż-żmien tat-trasferiment. Dik hija prova li jekk teżisti tinsab f'idejn il-Kummissarju tat-Taxxi u mhux f'idejn *taxpayer* u allura kien il-Kummissarju tat-Taxxi li kellu l-oneru li jressaqha quddiem dan it-Tribunal.

Fid-dawl tal-prova - għaliex fl-aħħar mill-aħħar ta' prova si tratta - imressqa mir-Rikorrent bis-saħħa tal-kuntratti Dok. TSM2 u Dok. TSM3 a fol. 150 sa' 163 tal-proċess, il-Kummissarju tat-Taxxi ma seta' qatt jistrih biss fuq ix-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo u jinjora dak li jirriżulta mill-istess kuntratti in bażi għall-affermazzjoni li *prezz waħdu indikat fil-kuntratt ta' trasferiment ma jitqiesx bħala prova konklussiva tal-valur reali tal-fond trasferit.* Tali affermazzjoni kienet tkun f'lokha kemm-il darba l-Kummissarju tat-Taxxi pprova li dawk l-istess trasferimenti ġew skrutinizzati mid-Dipartiment u ġew assoġġettati għal kont rivedut għaliex il-prezz hemm dikjarat ma ġiex aċċettat bħala li jirrifletti l-valur reali fuq is-suq liberu tal-proprjetà trasferita fiż-żmien tat-trasferiment, prova li għal raġuni jew oħra - iżda probabilment għaliex ma teżistix - il-Kummissarju ma għamilx.

Fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħti lill-Kummissarju tat-Taxxi s-setgħa li meta jkun sodisfatt li l-prezz dikjarat f'att ta' trasferiment ta' immobbli jew ta' dritt fuq immobbli ma jkunx jirrifletti l-valur reali ta' dik il-proprjetà fuq is-suq liberu fiż-żmien tat-trasferiment, joħroġ Likwidazzjoni ta' Taxxa għall-ħlas ta' taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli u ta' taxxa addizzjonali/penali, in-nuqqas tal-prova li t-trasferimenti formanti s-suġġett tal-kuntratti esebiti mir-Rikorrent u li fuqhom jserraħ l-appell tiegħu mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797, ġew assoġġettati għal dak provdut fl-imsemmi artikolu tal-Liġi, iwassal biex it-Tribunal ma jistax u ma għandux jinkora l-valur probatorju ta' dawk l-istess kuntratti partikolarment fir-rigward tal-valur attribwit għat-trasferiment tal-proprjetajiet in kwistjoni.

Fin-nuqqas ta' tali prova wkoll, it-Tribunal ma jistax għajr li jikkonkludi li għall-Kummissarju tat-Taxxi l-valuri dikjarati f'dawk il-kuntratti kienu jirriflettu l-valur reali fuq is-suq liberu tal-proprjetà trasferita fiż-żmien tat-trasferiment. Dejjem fid-dawl tan-nuqqas ta' tali prova għalhekk, it-Tribunal ma jistax għajr li jqis li l-istima tal-Perit Carmel Cacopardo hija, fiċ-ċirkostanzi, kjarament eċċessiva stante li ma jagħmel ebda sens loġiku li żewġ trasferimenti ta' proprjetajiet simili għall-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri fl-istess blokk ta' appartamenti fi żminijiet viċini ħafna għaż-żmien tat-trasferiment in eżami, wieħed għall-valur ta' Lm105,000 u l-ieħor għall-valur ta' Lm100,000, jiġu aċċettati mill-Kummissarju bħala li jirriflettu l-valur reali fuq is-suq liberu tal-proprjetà trasferita fiż-żmien tat-trasferiment mentri t-trasferiment mertu ta' dawn il-proċeduri għall-valur ta' Lm120,000 ma jiġix bl-istess mod aċċettat bħala li jirrifletti l-valur reali fuq liberu tal-proprjetà in kwistjoni fiż-żmien tat-trasferiment.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u kuntrarjament għal dak pretiż mill-Kummissarju tat-Taxxi, ir-Rikorrent irnexxielu jipprova b'mod sodisfaċenti li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797 hija eċċessiva. Jirriżulta għalhekk li l-appell mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797 huwa ġustifikat u jistħoqq li jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jilqa' l-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV39797 u konsegwentement iħassar u jirrevoka l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa u jiddikjara li r-Rikorrenti ma għandha tkun soġġetta għal ebda taxxa ulterjuri u taxxa addizzjonali in konnessjoni ma' l-akkwist ta' l-appartament u garage space f'Nru.166/167, Tower Road, Sliema, bis-saħħa tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò tal-21 ta' Diċembru 1999.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**